MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2009

Appell Kriminali Numru. 327/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. K. Farrugia)**
**Vs**
**Stephen Schembri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar is-6 ta' Jannar, 2002, ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija, gewwa Triq il-Kan. Bonnici, Hamrun

1. ikkommetta serq ta' mera tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAD 398, ghad-dannu ta' Vincent Mifsud, liema serq hu kkwalifikat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, liema serq huwa anqas minn mitt lira Maltin, u dan ai termini tal-artikoli 261, 270 u 271(g);

2. f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar xhur, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal sabiex ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti, ai termini

tal-artikolu 334(a) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. kiser il-kundizzjonijiet ta' l-artikolu 5 tal-Att XII tal-1957, meta kien gie misjub hati ta' reat u kien gie mehlus b'kundizzjoni ghal zmien sentejn (2) taht supervizzjoni ta' probation officer, mid-data tas-sentenza tat-12 ta' Marzu, 2001, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati;
4. sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati moghtija fit-13 t'April, 1999, fil-15 ta' Gunju, 1999, 9 ta' Frar, 2000 u fit-28 ta' Novembru, 2000.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Novembru, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 261, 270, 271, 280 tal-Kapitolu 9 kif ukoll l-artikolu 10 tal-Kapitolu 152 (u dan fil-konfront tas-sentenza esebita bhala Dok E [fol. 139]), sabet lill-appellant hati ta' serq aggravat u lliberatu mill-akkuza ta' ricettazzjoni in kwantu din inghatat bhala kap alternattiv, u wara li rat ukoll l-artikolu 20, 31 u 281 tal-kapitolu 9, ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' seba' (7) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-11 ta' Novembru, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni w htija jew, alternattivament, jekk l-appell tieghu fil-mertu jigi rigettat, timmodifika s-sentenza appellata w dan billi tvarja l-piena fuqu nflitta w taghti wahda iktar mita w idonea fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-verbal li bih il-prosekuzzjoni eccepiet in-nullita' tar-rikors tal-appell ghax ma inghatatx il-garanzija mehtiega mill-appellant skond l-art. 416 (1) tal-Kodici Kriminali, biex ikun jista' jottjeni is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza w ghalhekk tali sospensjoni jekk inghatat kienet nulla w dan jammonta ghall-akkwiexxenza.

Semghet it-trattazzjoni fuq din il-pregudizzjali.

Ikkonsidrat;

Illi a fol. 136 tal-process, hemm is-solita formola sterjotipata tat-talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza w tad-digriet relattiv, pero' din ghalkemm iggib il-firem tad-Deputat Registratur u tal-appellant, ma tindikax l-ammont tal-garanzija personali li thalla "blank". Fil-post indikat ghall-firma tal-Magistrat umbaghad tnizzlel in-numru tal-karta tal-identita' tal-imputat. Lanqas ma hemm fil-process is-solita formola tal-garanzija ffirmata mill-appellant.

Issa s-subartikolu (1) tal-art.416 tal-Kodici Kriminali jghid li l-persuna misjuba hatja li ma tkunx taht arrest ghar-reat li tieghu tkun giet misjuba hatja, tista', meta tiddikjara , imqar bil-fomm, li trid tappella mis-sentenza, **taqla'** mill-qorti inferjuri t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza, **kemm il-darba taghti garanzija tajba** skond is-subartikolu (1) tal-artikolu 577, li tidher ghal kull att tal-kawza quddiem il-qorti superjuri kull darba li tigi msejjha minn dik il-Qorti . (Sottolinear t' din il-Qorti).

Illi f' dan il-kaz jidher li l-Ewwel Qorti ma mponietx it-termini tal-garanzija tajba li hija mehtiega skond l-artikolu 416 (1) biex appellant jaqla' mill-Qorti Inferjuri it-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza.

Proprjament it-twaqqif tal-esekuzzjoni jinqala' b' talba *ad hoc* li ssir lill-Ewwel Qorti w dik il-Qorti, meta tilqa' t-talba timponi l-garanzija li hija kondizzjoni *sine qua non* ghat-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza, skond l-artikolu fuq citat li jghid espressament li it-talba tigi milqugha **"KEMM IL-DARBA** (il-persuna) **TAGHTI GARANZIJA TAJBA**".
(ara App. Krim., "**Il-Pulizija vs. Jesmar Joe Abela**" [28.10.2004])

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Mario Mifsud**" [5.5.1994] :-

*"Kwantu ghall-pregudizzjali tan-nullita' w irritwalita' tal-appell minhabba l-mankanza tat-talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza skond l-artikolu 416 tal-*

*Kodici Kriminali, jidher li l-gurisprudenza pparifikat tali mankanza mal-akkwiexxenza, liema akkwiexxenza hija in konflitt mall-volonta' li wiehed jappella."* (ara "**Il-Pulizija vs. Moses Bugeja u Edward Grech"**, App.Krim. [28.1.94] ; "**Il-Pulizija vs. Frangisk Borg",** [18.1.41]; Vol. XXXIII.iv.391 u "I**l-Pulizija vs. Alfred Ancilleri u John Cauchi."**

u aktar 'l isfel fl-istess sentenza dik il-Qorti ziedet tghid :-

*"wahda mill-karatteristici tal-process penali fis-sistema taghna huwa , illi kif appena tinghata sentenza , hlief jekk ikun hemm previst mod iehor fl-istess sentenza jew x'imkien iehor fil-ligi, dik is-sentenza ghandha tigi esegwita immedjetament."*

L-istess principju gie ribadit fl-appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Karl Gialanze**" [17.5.94.] u "Il**-Pulizija vs. Francis Micallef"** [5.7.94] , "**Il-Pulizija vs. Francis Scicluna**" [20.1.95] u "**I-Pulizija vs. Carmel Attard"** [30.6.95] .

Illi l-artikolu 665 tal-Kodici Kriminali jghid testwalment li :-

*"Bla hsara tad-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 28A (li jirrigwardaw sentenzi ta' prgunerija sospizi) u d-dispozizzjonijiet ta' dan il-Kodici dwar il-hlas ta' pieni ta' flus, KULL DECIZJONI GHANDHA TIGI ESEGWITA MINNUFIEH LI TINGHATA."* (Emfasi ta' din il-Qorti)

Umbaghad l-artikolu 416 (1) tal-istess Kodici li jghid testwalment li :-

"persuna misjuba hatja ...tista' , meta tiddikjara imqar bil-fomm, li trid tappella mis-sentenza , taqla mill-Qorti nferjuri t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza ...."

Din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fuq citata kienet validament argumentat li dawn iz-zewg dispozizzjonijiet moqrijin flimkien, necessarjament ifissru li biex it-talba ghas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza tkun tista' tigi milqugha, jehtieg li tigi maghmula

immedjetament kif tkun giet moghtija s-sentenza u b'dan il-mod biss tista tigi evitata l-esekuzzjoni mmedjata tas-sentenza skond l-artikolu 665 citat .

Illi din il-Qorti, kif preseduta, taqbel perfettament ma dan ir-ragunament u tirritjeni li bil-fatt li l-appellant odjern ma ottjenix kif suppost is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza li nghatat is-sentenza kellu jinghata bidu effettiv ghall-esekuzzjoni tas-sentenza mill-appellant. (Ara ukoll l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Victor Vella"** [ 30.1.2003], "**Il-Pulizija vs. Anthony Cauchi"** [3.7.2003] u ohrajn).

Illi din il-pozizzjoni ma mbidlitx bl-introduzzjoni recenti tas-subartikolu gdid (3A) ghall-artikolu 416 tal-Kodici Kriminali bl-Att XVI tal-2006. Dan ghaliex dan is-subartikolu japplika biss ghall-kazijiet imsemmija fis-subartikolu (3) li jipprecedieh u cioe' <u>fejn il-persuna misjuba hatja tkun taht arrest</u>. F' dan il-kaz ma jirrizultax li l-appellant kien taht arrest meta tressaq quddiem l-Ewwel Qorti jew meta nghatat is-sentenza appellata u ghalhekk ghalih ghadhom japplikaw bis-shieh u bla ebda eccezzjoni d-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (1) tal-art.416 li jghid li l-persuna misjuba hatja li ma tkunx taht arrest ghar-reat li tieghu tkun giet misjuba hatja, tista', <u>meta tiddikjara , imqar bil-fomm, li trid tappella</u> mis-sentenza, **<u>taqla'</u>** mill-qorti inferjuri t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza, **<u>kemm il-darba taghti garanzija tajba</u>** skond is-subartikolu (1) tal-artikolu 577, li tidher ghal kull att tal-kawza quddiem il-qorti superjuri kull darba li tigi msejjha minn dik il-Qorti . (Sottolinear t' din il-Qorti).

F' dan il-kaz la jirrizulta d-digriet li akkorda s-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza (ghax ma hemmx il-firma tal-Magistrat u lanqas hemm fih il-kondizzjonijiet ghall-impozizzjoni tal-garanzija) w, inqas w inqas l-ghoti tal-garanzija li hija kondizzjoni *sine qua non* biex tinkiseb is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza.

Ikkonsidrat;

Illi l-abbli difensur issottometta li ladarba t-talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza kienet saret, l-izball kien tal-Qorti w mhux tad-difiza li ma ntlietx il-formola tal-garanzija. Kien id-deputat tal-awla tal-Ewwel Qorti li ma pprovdiex id-dokumenti w l-appellant kien iffirma d-dokument li gie moghti lilu.

Fil-waqt li dan hu minnu biss sa certu punt, mill-banda l-ohra l-appellant, li kien assistit minn difensur, kellu jara li l-formalitajiet soliti tad-digriet u ffirmar tal-garanzija kellhom jigu osservati. Hu biss fl-interess tal-appellant li jottjeni s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza li tkun ser tigi appellata w hi zgur mansjoni tal-avukat difensur li jkun qed jassisti lill-appellant potenzjali li dak il-hin jassikura ruhu li dan kollu isir u li jsir sew u ghalhekk stava ghad-difensur prezenti fl-awla li jara li d-digriet ikun debitament iffirmat mill-Magistrat, li jkun hemm il-kondizzjonijiet tal-garanzija w li l-appellant jottempera ruhu mal-accettazzjoni tal-kondizzjonijiet imposti mill-Ewwel Qorti fl-ghoti tal-garanzija rikjesta *ad validitatem* mill-ligi kif fuq intqal. Dan ma sarx mid-difensur dak in-nhar. Fil-waqt li l-Qorti tifhem li jista' jkun hemm certa ghaggla w certa konfuzjoni fl-awla kulltant, u li jista' ukoll ikun hemm xi deputat registratur li ma jkunx ghall-altezza ta' dak mistenni minn xogholu, dan pero' ma jiskuzax ukoll in-nuqqas tad-difiza li taccerta ruha - fl-interess tal-klient taghha - u li tasskura ruha li dak li ghandu jsir skond il-ligi, isir.

Ghalhekk din il-Qorti tqis li din il-pregudizzjali hi ben fondata f’ dan il-kaz.

Ghal dawn l-motivi w fid-dawl ta’ din l-interpretazzjoni tal-pozizzjoni guridika moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta w anki kif preseduta, din il-Qorti tilqa’ l-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali w tiddikjara l-appell irritu w null  u konsegwentement tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------